**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**-vs-**

**Gaetano Falzon, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 868451M**

***Kumpilazzjoni Nru. 1203/2013***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gaetano Falzon u ċioè talli:

Nhar it-28 ta' Mejju, 2013, ghall-habta tal-05:00 hrs gewwa Triq il-Parrocca, Naxxar:

(1). Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CGY083 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza (c) u bla kont;

(2). B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francis Azzopardi skond kif iċċertifika Dr. Malcolm Caruana M.D. Reg 2864 mill-M.D.H.;

(3). B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma

vettura nru. OOO 012 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Francis Azzopardi.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhirilha xieraq.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Mejju, 2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum 16 ta' Jannar, 2018.

Illi ghalkemm ir-reat sehh fit-28 ta' Mejju, 2013, l-akkuza inqrat illum, wara li fis-6 ta' Dicembru, 2013, din giet assenjata lil din il-Qorti diversament preseduta.

Illi r-reat l-aktar gravi u dak kontestat fit-tieni akkuza u cioe` ir-reat ravvizat bl-artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali[1]. Dak ir-reat hu punibbli b'<u>massimu ta' sitt xhur prigunerija</u> jew il-multa.

Illi t-tielet akkuza hi dik ravvizata bl-artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali fejn il-piena erogabbli hi dik ta' <u>massimu ta' tlett xhur</u> prigunerija jew il-multa.

Illi l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali **jipprovdi:**

**688.** Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –.....

(*e*) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Illi ghalhekk it-terminu ta' sentejn li fiha setghet titmexxa l-azzjoni kriminali dwar l-istess reati llum skada.

[1] Xhieda Dr. Malcolm Caruana a fol.22 et seq.

Ghaldaqstant din il-Qorti, kif hija obbligata mill-ligi stess billi tali eccezzjoni hija sollevabbli *ex officio*, qeghda tiddikjara l-azzjoni kriminali mressqa fil-konfront tal-imputat bhala bhala wahda preskritta u kwindi hija estinta.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**